FGURA

Minuti tal-laqgħa (laqgħa urġenti) 63 tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tlieta 8 ta' Novembru 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fil-17:30.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Is-Sur Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A. DeGiovanni |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur A. Debono<br>Is-Sra R. Cutajar<br>Is-Sur P. Dalli<br>Is-Sur S Camilleri |
| **Segretarju:** | Is-Sur C. Cutajar |

Is-Sur M Lombardo talab li jkun skużat. Il-Kunsill iddeċieda li r-raġunijiet ta' dan il-Kunsillier kienu ġustifikati u għalhekk approva li jiġi skużat għal-laqgħa.

Chev D. Marmara` KLJ u s-Sur C Bonello ma kienux preżenti għal din il-laqgħa.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Laqgħa Trasport Pubbliku

1.01 Is-Sindku ressaq riżoluzzjoni speċjali ref: 3183/11/6 "Skond Artiklu 23(1), tas-sitt Skeda, ta' Kap 363 tal-liġijiet ta' Malta. Tiġi mħassra mozzjoni 3174/11/6. Sabiex il-laqgħa dwar it-Trasport Publiku issir illum tmienja ta' Novembru, 2011, fis-6pm, ġewwa l-iskola Primarja tal-Fgura. Dan wara li Transport Malta aċċettaw li jibgħatu rappreżentant tagħhom għal din il-laqgħa. Ukoll, l-Arriva intalbu jibagħtu rappreżentant, u kif ukoll intalbu li jissuġġerixxu data ta' meta jistgħu jattendu għal din il-laqgħa. Ir-risposta tal-Arriva kienet "I have been informed by Head Office that you should go along with the scheduled meeting. Please send what was discussed and complaints raised during

Mayor, Vicemayor, Councillors & Sect

said meeting. Thanks for invitation and your kind disposition to move the date." Għalhekk, il-Kunsill Lokali tal-Fgura għandu iżomm din l-imsemmija laqgħa fit-8 ta' Novembru, 2011, fis-6pm, ġewwa l-iskola Primarja. Kull min jattendi għal din il-laqgħa jitħalla jidħol, inkluż il-media. Il-media ma tistax issaqsi mistoqsijiet waqt din il-laqgħa" iffirmata mis-Sindku, s-Sur S Camilleri, s-Sur P Dalli u l-Viċi-Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar

Kontra – Ħadd

Astenzjonijiet – Sur A Debono

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Ir-riżoluzzjoni speċjali ref: 3183/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

Il-laqgħa ntemmet fil-17:37.

Sindku

Segretarju